MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 159/2007

**Public Broadcasting Services Limited**

**vs**

**Malta Directories Ltd**

## It-Tribunal

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li premettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, mija u sbatax-il Euro (€2,117), (disa' mija u tmien liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm908.83)), rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha.

Illi, ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, din baqghet inadempjenti.
Illi, ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha l-

ammont ta' elfejn, mija u sbatax-il Euro (€2,117), (disa' mija u tmien liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm908.83)), rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2006 (rif.3091/06) u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet li t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet talbet *quotation* minghand l-attrici, qatt ma saret ordni minn naha tas-socjeta' konvenuta u jekk *dato ma non concesso*, inghata xi servizz dan sar minghajr it-talba, l-ordni, permess u/jew awtorizazzjoni tal-istess socjeta' konvenuta.

Ra x-xhieda ta' Ramona Mamo Degiovanni, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li tghid li mit-*transaction history* tas-socjeta' konvenuta kien jirrizulta bilanc ta' elfejn, mija u sbatax-il Euro (€2,117), (disa'mija u tmien liri Maltin u tlieta u tmenin centezimu (Lm908.83)), dovuti ghax-xoghol li sar mis-socjeta' attrici ghas-socjeta' konvenuta u dan wara li esebit ir-*run doc* li jindika l-hinjiet tar-reklamar.

Tikkonferma ukoll li ma kellhiex kuntratt iffirmat minghand is-socjeta' konvenuta.

Ra x-xhieda ta' Gordon Debono, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, li jispjega li qatt ma saret ordni mas-socjeta' attrici u li kienu talbu biss *quotation* fuq xi hinijiet tat-trasmissjoni u qatt ma kkonfermaw ebda ftehim.

Jikkonferma li qatt ma kien sar ftehim u kienu uzaw *media* ohra, minkejja li kienu trasmettew fuq il-PBS.

Jispjega li l-ftehim sar mal-"Where's Everybody" u huma kienu trasmettew fuq il-programm "Xarabank." Il-hlasijiet kienu saru mal-"Where's Everybody", izda mbaghad kienu

bdew jircievu t-talba ghall-pagament minghand is-socjeta' attrici.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Jirrizulta illi filwaqt li s-socjeta' attrici tinsisti li kienet irrendiet servizzi lis-socjeta' konvenuta u ta' dan kienet qed titlob il-hlas, is-socjeta' konvenuta, minn naha taghha, tinsisti li hi kienet ghamlet ftehim biss mas-socjeta' "Where's Everybody" u ghalkemm din kienet ttrasmettiet fuq "Xarabank" li hu prodott fuq il-PBS, il-ftehim ma kienx sar mas-socjeta attrici.

Is-socjeta' Public Broadacasting Services Ltd. esebit diversi dokumenti li jindikaw li kien hemm xi bilanc dovut f'isem is-socjeta' konvenuta u li kien hemm xi *run-ons*, ukoll, pero', ma pprezentatx dokument iffirmat da parti tas-socjeta' konvenuta sabiex tikkonvinci lil dan it-Tribunal li kien sar ftehim bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta.

F'dan il-kuntest huwa difficili sabiex dan it-Tribunal jikkonkludi li kien hemm xi forma ta' relazzjoni kontrattwali u ghalhekk debitu bejn il-partijiet ghaliex kull ma jirrizulta huwa, applikazzjoni li mhix ffirmata mis-socjeta' konvenuta izda mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Oltre minn hekk is-socjeta' konvenuta qatt ma cahdet li kienet ttrasmettiet fuq il-PBS, izda tikkonferma li kien hemm ftehim mod iehor u li kienet ghamlet il-pagamenti lis-socjeta' "Where's Everybody" li maghha biss kienet ikkontrattat.

Minkejja li sostniet hekk u l-istess socjeta' ppromettiet li tesibixxi ic-cekkijiet tal-hlas li kienet ghamlet lil din is-socjeta', dan m'ghamlitux. Dan in-nuqqas pero' ma jhassarx id-dikjarazzjoni tal-istess socjeta' konvenuta li l-uniku kuntratt li dahlet fih kien ma "Where's Everybody".

In konkluzjoni, sabiex it-Tribunal jasal ghad-decizjoni, jippuntwalizza, illi prova ta' xi ftehim bejn il-kontendenti ma ngabux u kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li jipprova li bhala prassi applikazzjoni *per se* hija bizzejjed sabiex tistabilixxi relazzjoni guridika bejnha u s-socjeta' konvenuta, u cioe' relazzjoni ta' kreditur u debitur. Anqas din il-prova ma giet prodotta, pero'.

Ghalhekk in vista ta' nuqqas ta' prova ta' xi ftehim, dan ghandu jigi interpretat fl-interess tad-debitur u cioe' tas-socjeta' konvenuta, fis-sens li ma kienx hemm tali ftehim.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici, filwaqt li jilqa' l-eccezzonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------